**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tnejn 30 ta` Novembru 2015**

**Kawza Nru. 8**
**Rik. Gur. Nru. 1030/09 JZM**

**Logos Societa` Cooperativa, u b`digriet moghti fid-19 ta` Ottubru 2015 quddiem il-kliem "Logos Societa` Cooperattiva" zdiedu l-kliem "Dr Norval Desira bhala mandatarju specjali ta`"**

***kontra***

**1. Direttur Generali tal-Kuntratti ;**

**2. Malta Tourism Authority ;**

***u***

**3. Economic and Management Consultancy Services Limited (EMCS) Consortium ;**

**4. Market Intelligence Services Company Limited u Outlook Management and Communications Cooperative Society Limited ;**

**ghal kull interess li jista` jkollhom**

Rat illi fir-rikors guramentat taghha tas-26 ta` Ottubru 2009, l-attrici talbet lill-Qorti sabiex :-

*1. tiddikjara illi l-appellipprezentat mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009, ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-31 ta` Lulju 2009, huwa validu u ammissibbli skond id-dispozizzjonijiet relattivi tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005) ;*

*2. konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009 u tordna illi l-atti tal-appell imressaq mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009 jergghu jigu rinvjati quddiem l-istess Bord tal-Appelli ghas-smigh tal-appell tas-socjeta` rikorrenti fuq il-meritu ;*

*3. tiddikjara illi l-appell ipprezentat mis-socjeta` intimata EMCS Consortium ghad-decizjoni komunikata mill-intimat Direttur Generali tal-Kuntratti fil-25 ta` Frar 2009, u konsegwentement anke d-decizjoni dwar dan l-appell tat-28 ta` April 2009 tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici, huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, billi l-istess appell kien gie pprezentat mill-intimat EMCS Consortium wara li kien skada z-zmien applikabbli skond id-dispozizzjonijiet relattivi tar-Regolamenti ta` l-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici (Avviz Legali 177 tal-2005) ;*

*4. konsegwentement tordna lill-intimati Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority sabiex jannullaw kull process mehud minnhom fil-konfront tal-offerta tal-intimat EMCS Consortium, wara l-imsemmija decizjoni tal-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici tat-28 ta` April 2009 ;*

*5. taghti u tordna dawk il-provvedimenti kollha necessarji, ossija tordna lill-intimati Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority sabiex jiehdu u jaghtu dawk l-azzjonijiet u provvedimenti necessarji, sabiex jigi korrett u/jew annullat dan l-eghmil amministrattiv invalidu u minghajr effett taghhom, jew ta` min minnhom.*

*Bl-ispejjez, u b`rizerva ghal kull azzjoni ta` danni spettanti lis-socjeta` rikorrenti kontra l-intimati, jew min minnhom, skond il-ligi.*

Illi huwa evidenti mir-risposti guramentati prezentati mill-konvenuti illi t-talbiet attrici qeghdin jigu kontestati **sostanzjalment** fuq il-mertu taghhom.

Rat illi waqt li kien qieghed isir il-gbir tal-provi, il-konvenuti Direttur Generali tal-Kuntratti u Malta Tourism Authority talbu u kisbu l-permess tal-Qorti sabiex iressqu eccezzjonijiet ulterjuri. U hekk sar.

Rat illi fil-11 ta` Dicembru 2014, din il-Qorti tat sentenza b`dan id-*decide* :-

*Tichad l-eccezzjoni ulterjuri li pprezenta l-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti fis-16 ta` Ottubru 2012, u l-eccezzjoni ulterjuri li l-istess konvenut ipprezenta fit-8 ta` April 2013, spejjez ghall-konvenut Direttur Generali tal-Kuntratti.*

*Tichad it-tieni eccezzjoni tar-risposta guramentata li l-konvenuta Malta Tourism Authority ipprezentat fid-9 ta` Dicembru 2009, u l-eccezzjoni ulterjuri li l-istess konvenuta pprezentat fit-18 ta` Ottubru 2013, spejjez ghall-konvenuta Malta Tourism Authority.*

Rat illi fil-31 ta` Awissu 2015, l-attrici pprezentat rikors fejn, abbazi tal-Art 175(1) tal-Kap 12 u ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, talbet illi t-tieni talba ma tibqax taqra dik li hija sal-lum u cioe :-

*konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009* ***u tordna illi l-atti tal-appell imressaq mis-socjeta` rikorrenti fis-6 ta` Awissu 2009 jergghu jigu rinvjati quddiem l-istess Bord tal-Appelli ghas-smigh tal-appell tas-socjeta` rikorrenti fuq il-meritu****.* (enfasi tal-qorti)

izda tigi taqra :-

*konsegwentement tirrevoka d-decizjoni moghtija fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti mill-Bord tal-Appelli dwar il-Kuntratti Pubblici fl-14 ta` Ottubru 2009 u* ***tghaddi sabiex tiddikjara illi l-appell tal-istess socjeta` rikorrenti tas-6 ta` Awissu 2009 kien wiehed fondat fil-fatt u fid-dritt u, konsegwentement, kien jimmerita li jigi milqugh.***

Rat illi fir-risposti taghhom ghar-rikors tal-attrici, il-konvenuti kollha irregistraw l-opposizzjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-3 ta` Novembru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghall-udjenza tal-lum sabiex taghti provvediment dwar ir-rikors attrici.

Dan huwa l-provvediment.

**Ikkunsidrat :**

Illi l-**Art 175(1) tal-Kap 12** jaqra :-

*Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta' wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta' wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata,* ***sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.*** (enfasi u sottolinear tal-qorti).

Illi t-talba tar-rikorrenti tista` tigi mpostata fl-ambitu tal-Art 175(1).

Illi jrid jigi stabbilit huwa jekk is-sostituzzjoni jew tibdil rikjest mir-rikorrenti fil-kaz tal-lum ibiddilx **fis-sustanza** l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.

Illi fis-sentenza li tat fil-11 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Perit Arkitett Valerio Schembri vs Ir-Registratur tal-Qorti et**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar l-Art 175(1) tal-Kap 12 :-

*… is-setgha moghtija lill-Qorti hija wahda vasta u intiza sabiex jigu evitati certa eccezzjonijiet kif ukoll multiplicita` ta` kawzi. Din is-setgha izda hija suggetta ghal certu kontroll billi l-Qorti adita b`talba simili trid tassigura ruhha li s-ssostituzzjoni jew tibdil rikjest "ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-mertu". B`dan jidher li ma kenitx l-intenzjoni tal-legislatur li tinghata "carte blanche" lill-kontendenti billi dawn jistghu jbiddlu l-mertu tal-kawza bis-semplici sostituzzjoni jew tibdil rikjest.*

Illi wara li kkunsidrat il-bidla li l-attrici trid li ssir fit-tieni talba, din il-Qorti tqis illi b`dak li qieghed jintalab, l-azzjoni tar-rikorrenti **fis-sostanza** sejra tibqa` dik illi kienet fil-bidu.

Illi qieghed jinghad hekk ghaliex il-pern tal-azzjoni attrici hija l-ewwel talba. Dik it-talba baqghet intatta. Intalab bdil fit-tieni talba evidentement minhabba bdil ta` cirkostanzi li hargu waqt il-gbir tal-provi. B`daqshekk pero` ma jfissirx illi nbidlu l-"palletti" jew il-limiti sostanzjali tal-azzjoni ; dawk baqghu li kienu u ma kienx muri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-parametri tal-kawza kienu sejrin jiccaqilqu **bi pregudizzju** ghall-konvenuti bil-bidla rikjesta mill-attrici.

Illi tajjeb jigi rilevat ukoll illi l-bidla fit-tieni talba proposta mir-rikorrenti mhijiex sejra tibdel is-sostanza tad-difiza tal-intimati dwar il-mertu, ghaliex fil-kaz illi l-bidla rikjesta tkun milqugha, id-drittijiet tal-intimati sejrin jibqghu mpregudikati.

**Ghalhekk kollox meqjus, din il-Qorti sejra tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghha tal-31 ta` Awissu 2015, b`dan illi qeghda tordna n-notifika tar-rikors promotur kif mibdul lill-intimati, u taghtihom zmien ghoxrin (20) jum sabiex iwiegbu bil-miktub ghar-rikors guramentat promotur kif mibdul b`effett ta` dak il-provvediment.**

**L-ispejjez ta` dan il-provvediment jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**